MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 198/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**Vs**
Omar Pisani

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Marzu, 2002 u matul dan l-ahhar xahar gewwa tal-Qroqq kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru, 2004, li

biha, wara li rat l-artikolu 8(a)(22)(1)(a) u (22)(2)(b)(I) tal-Kap. 101 sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija w mitejn lira Maltija (LM200) multa, liema multa tinbidel f’erbghin jum prigunerija jekk ma tithallasx fi zmien tliet xhur, b'dan li l-Qorti wkoll ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t’Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza dedotta kontrih u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u mitejn lira (LM200) multa, liema multa tinbidel f’erbghin jum prigunerija jekk ma tithallasx fi zmien tliet xhur, u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti . Illi l-appellant kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu baqa’ konsistenti w dejjem innega l-fatt illi huwa kien biegh droga jew li kien ixxerja droga ma terzi persuni. Hu kien ammetta biss il-pussess semplici ta’ droga w li kien ipejjep madwar erba joints kulljum u li d-droga li kienet instabet fuqu kienet ghall-uzu personali tieghu biss u xejn aktar. Dak li xehed PS 765 Sammy Attard ma tnizzilx fl-istqarrija tal-akkuzat appellant u ghandu jigi skartat ghax lanqas xehdu l-Ispettur Nezren Grixti . Ghalhekk din ix-xhieda ta’ PS Attard ma ghandhiex mis-sewwa meta jghid li l-appellant kien ammetta mieghu illi l-ismijiet tal-persuni li kien hemm fuq il-karta kellhom jatuh minnhabba d-droga li kien tahom . Illi c-*circumstantial evidence* trid tkun univoka biex tinstab htija fuqha w ma tridx thalli lok ghal dubju w *grey areas*. U jekk il-Qorti ma tkunx konvinta mill-ispjegazzjoni li taha l-appellant , dan ma jfissirx illi l-flus kienu dovuti minnhabba d-droga w hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li dawn il-flus kienu**

**dovuti minhabba l-biegh tad-droga, provi li f' dan il-kaz ma ressqitx apparti x-xhieda ta' PS 765 Attard. Illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija a bazi ta' interpretazzjoni zbaljata tax-xhieda indizjarja.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravji tal-appellant huma kollha bazati fuq apprezzament hazin tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94]; "I**r-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis,** f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Illi l-provi kontra l-appellant huma li wara li saret tfittxija fil-locker tal-appellant gol-*building site* tal-Isptar San Raffaele (illum Mater Dei) mill-Pulizija fit-18 ta' Marzu, 2002, instabu xi karti b'ismijiet fuqhom u ammonti ta' flus miktuba hdejhom u minn fuq il-persuna tal-appellant gew elevati ghaxar (10) bicciet rezina tal-Cannabis li kienu kollha go *foil* u go pakkett tas-sigarretti Rothmans Blue . Meta l-appellant ittiehed ghall-interrogazzjoni fl-ufficju tal-Ispettur Nezren Grixti u milli jidher qabel irrilaxxja l-istqarrija Dok NG1 , f' xi hin allegatament ammetta mas-Surgent PS 765 Attard li l-ismijiet tal-persuni li kienu jidhru fuq il-karta elevata kienu ta' persuni li "***kellhom jatuh minnhabba d-droga li kien tahom."* **Dan il-kliem suppost li intqal wara li l-appellant kien inghata s-solita twissija skond ix-xhud PS Attard. Pero' stranament ma gietx registrata fl-Istqarrija.**

**L-ispettur Nezren Grixti ma jsemmi xejn fix-xhieda tieghu dwar din l-ammissjoni ta' traffikar fl-ezami tieghu w fil-kontroezami jghid li kull ma jintqal mill-persuna nterrogata jitnizzel fl-istqarrija. Mistoqsi mill-Ewwel Qorti ghaliex din id-dikjarazzjoni ma tnizzlitx fl-istqarrija tal-appellant, is-Surgent Attard xehed li ghax l-appellant ma riedx inizzilha w li bidel il-versjoni. Minn-naha tieghu l-appellant jichad li qal dan id-diskors simili w li qatt ta droga lil haddiehor.**

**Fl-istqarrija tieghu mbaghad l-appellant mistoqsi jekk l-ismijiet ta' Zanon, Kennet u Jerry li kienu jidhru fuq il-karta elevata kienx hu li kien kitibhom , wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi x'ifisser l-ammont ta' LM10 ghal kull isem , l-appellant kien iddikjara li dawn kellhom jatuh xi flus. Mistoqsi jekk il-flus li kellhom jatuh dawn kienx ghax hu kien tahom id-droga Cannabis Resin ,**

**ghal prezz ta' LM10 , l-appellant kien wiegeb: *"Ma nwegibx*." Mistoqsi fuq il-bicca l-ohra tal-karta fejn kien hemm l-ismijiet ta' tlitt persuni ohra Robert, Vaguga kif ukoll Stacey u li hdejhom kien hemm l-ammonti ta' LM70, Lm110 u LM230 , x'ifissru, l-appelant kien wiegeb li dawk kienu ismijiet li hu kien ivvinta biex ikun jista' jigbor il-flus minnghand it-tlitt persuni li gja semma qabel u dan biex huma jaraw ammont kbir li hu kellu jigbor u forsi jithassruh u jatuh il-flus li kien haqqu. Mistoqsi ghaliex l-ewwel tlitt persuni kellhom jatuh flus, l-appellant wiegeb ghax kien sellifhom xi flus qabel . Umbaghad zied jghid li kull meta jpejjep jaghmel xi erba *joints*.**

**Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant xehed li kien ipejjep xi erba joints kuljum u li forsi minn kull bicca johrog xi sitt joints u jpejjep bicca kuljum . Dwar l-ismijiet li jidhru fuq il-karta xehed li tlieta minnhom kien ivvinthom biex jurihom li ghandu jiehu biex ihallsuh u t-tlieta l-ohra dak kienu jmorru jieklu Ta' Soldi w spicca wehilhom hu l-flus. Dawn kienu hbieb tieghu w kien hass il-bzonn li jnizzel isimhom biex jiftakar**

**Ix-xhud tad-difiza Kenneth Cassar umbaghad kien xehed li gieli marru jieklu ghand ta' Soldi , l-Imgarr u dan aktar minn darbtejn. Gieli kienu anki ghoxrin ruh. L-appellant gieli hallaslu f' dawn l-ikliet umbaghad hu jhallsu . Kien ikollu jatih bejn LM15 u LM20 . Gieli talabhomlu il-flus l-appellant u gieli hu nesa' w kien jghidlu li ghandu jatih tal-ahhar ikla l-appellant . Gieli kellu jati xi flus lill-appellant u nies ohra fuq ix-xoghol ghax hu jkun fuq it-*tower crane* u jkollu bzonn xi haga bhal sigarretti, mbaghad itihomlhom x' hin jinzel. Ghal droga zgur li qatt ma kellu jatih flus lill-appellant. L-appellant qatt ma beghlu droga .**

Issa l-ewwel ma jrid jigi deciz hu jekk l-appellant fil-fatt kienx spjega verbalment li l-ismijiet fuq il-karta kienux ta' nies li kellhom jaghtuh tad-droga li jkun beghlhom, kif xehed PS Attard. Din l-ammissjoni hija michuda mill-appellant u mhux imsemmija mill-Ispettur Nezren Grixti

fix-xhieda tieghu w  ma tidhirx fl-istqarrija tal-appellant. L-Ewwel Qorti ghazlet li temmen dik il-parti tax-xhieda ta' P.S. Attard fejn qal li kien hemm din l-ammissjoni w ma emmnitx ic-cahda tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Attard"** [14 ta' Settembru, 2004]  il-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat huma s-sewgenti . Kull haga li l-akkuzat jistqarr , sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha , kemm il-darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza' , jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Art. 658 tal-Kodici Kriminali). Jekk il-konfessjoni saritx volontarjament jew le hi kwistjoni li trid tigi deciza mill-gurati w mill-gurati biss . (ara. Appell Kriminali : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emmanuel Farrugia**" [20.1.1989] Kollez.Vol. LXXIII, p.5 Sect. I p 1036 u ohrajn.)

Meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub fil-waqt li tigi maghmula, l-kitba ghandha tigi prezentata w biss jekk jigi pruvat li l-kitba giet meqruda jew mitlufa , issir prova bil-fomm , sabiex tigi pruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni . Pero' anki fejn ikun hemm konfessjoni bil-miktub xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara (Art. 659).

**Illi umbaghad kif gie ritenut mill-istess Qorti Kriminali fis-Sentenza taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvatore Bugeja" **[3.12.2004], hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu w li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu . Ta' spiss jinghid li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:-**

***"A free and voluntary confession of guilt by a prisoner , whether under examination before magistrates or otherwise , if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved , is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence :*** *R. v. White*, ***R.& R. 508;*** *R. v. Tippet*, ***id. 509;*** *R. v. Eldridge*, ***id.440;*** *R.v. Falkner*, ***id. 481;*** *R. v. Francia* ***, 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n , Fost. 240;*** *R. v. Lambe*, ***2 Leach 552;*** *R. v. Wheeling*, ***1. Leach 311 n."***

**Jintqal ukoll li** ***:-***

***"Admissions or confessions to persons other than magistrates , if in writing, are proved as any other written instrument ..If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another , or to himself , is equally admissible ; though it is evidence to be acted upon with much caution , as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses."*** **(See** *R. v. Simons* **, C. & P. 540) (** ARCHBOLD **. p.376).**

**Illi skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali , f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jigguidika fuq il-fatt , hijja bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie privat minn zewg xhieda jew aktar.**

**Ghalhekk l-Ewwel Qorti li rat u semghet kemm lill-appellant u lil P.S. Attard jixhdu w setghet tosserva il-komportament, il-kondotta, l-imgieba w l-karattru taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, kellha kull dritt li temmen il-versjoni ta' P.S. Attard u ma temminx dik tal-appellant . Din kwistjoni ta' kredibilita' w din il-Qorti m'ghandix raguni valida biex tiddisturba d-decizjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward . Veru li hu stramb kif l-Ispettur Nezren Grixti ma semmiex din ic-cirkostanza fix-xhieda tieghu w jekk sema' dad-diskors ghaliex ma nkorporahx fl-istqarrija almenu f' forma ta' domanda, pero' mill-banda l-ohra hu ugwalment stramb kif, fil-kontro-ezami, d-difiza**

**llimitat ruha ghall-domanda ta' natura generika hafna dwar x' solitament jitnizzel fi stqarrija, minghajr ma staqsiet espressament u direttament lill-Ispettur Grixti, jekk l-appellant kienx fil-fatt qal id-diskors li sema P.S. Attard quddiemu ukoll . Din ic-cirkostanza thalliet fis-shab, meta setghet saret domanda aktar preciza w inciziva in kontro-ezami .**

**Din il-Qorti umbaghad , bhal Ewwel Qorti , thoss li l-ispjegazzjoni li ttanta jaghti l-appellant dwar l-ismijiet u ammonti ta' flus li kellu fil-karta li giet elevata mill-locker tieghu , kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fil-kors tax-xhieda tieghu, mhux biss mhux attendibbli, izda hija ghal kollox implawsibbli w improbabbli. Xejn mhu verosimili w probabbli li jekk xi hadd ikun hareg jiekol mall-hbieb u hallsilhom ghall-ikla, li joqghod jikteb it-tlitt ismijiet taghhom biex jiftakar li kull wiehed mit-tlieta ghandu jatih il-figura preciza w tonda ta' LM10. Dawn l-affarijiet ma jsirux bejn il-hbieb u biex wiehed jiftakar li tlieta mill-hbieb tieghu ghandhom jatuh LM10 ta' ikla li jkun hallsilhom, ma hemx ghall-fejn jikteb dan fuq karta. Hi ferm u ferm aktar implawsibbli umbaghad l-ispjegazzjoni ghal kollox stirakkjata li pprova jaghti l-appellant ghala taht dawn l-ismijiet tas-suppost tlitt ihbieb veri tieghu , nizzel tlitt ismijiet ivventati b' ammonti ta' LM70, LM110 u LM230 magembhom rispettivament. Il-versjoni tieghu li dan ghamlu biex ikun jista' jimpressjona lil shabu li hallsilhom ikla halli jatuh l-LM10 li suppost kellhom jatuh, tirrazenta z-zuffjett u l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma accettathiex.**

**Issa huwa minnu li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tkunx accettat l-ispjegazzjoni li jkun ta l-appellant ma jfissirx necessarjament li allura giet pruvata l-htija allegata mill-Prosekuzzjoni, izda hawn l-appellant qed jikkonfondi d-decizjoni dwar il-kredibilita' tal-appellant li tista' titqies ukoll fuq kemm ikunu kredibbli spjegazzjonijiet li jaghti dwar certi fatti w cirkostanzi , mall-prova tal-htija li trid issir mill-Prosekuzzjoni .**

**F’ dan il-kaz il-prosekuzzjoni mhux qed tistrieh biss fuq in-nuqqas ta’ spjegazzjoni kredibbli sal-grad tal-probabbli , izda ukoll fuq l-ammissjoni tal-appellant quddiem P.S. Attard, fuq is-sejba tad-droga rezina tal-cannabis gja maqsuma f’ ghaxar pakketti tal-*foil* li minn kull pakkett johorgu diversi numru ta’ joints – ghall-inqas sitta skond l-istess appellant u li dawn il-bicciet jimbieghu LM10 – li kumbinazzjoni hija s-somma li tidher magemb l-ismijiet ta’ tlieta mill-persuni li nstabu fuq il-karta esebita.**

**Illi l-appellant fir-rikors tieghu jaghmel riferenza ghall-diversi pronunzjamenti tal-Qrati lokali u esteri dwar il-provi indizjarji jew “*circumstantial evidence*” u jissottometti li l-provi kif irrizultaw mill-process mhux talli ma jikkostitwux provi indizjarji li jwasslu ghall-htija tieghu , izda fihom joholqu dubbju sostanzjali u f’ certi mumenti anki evidenti .**

**Din il-Qorti hija konxja ta’ dawn il-pronunzjamenti w tikkondividi dak li intqal fihom , pero’ wiehed irid jara kif jinkwadraw ruhom fil-kaz in ezami. Issa kif jghid l-**ARCHBOLD :-

***“Presumtive or (as it is usually termed) circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases ; and, indeed , the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases ; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It has been said that although presumptive evidence must, from necessity, be admitted yet it should be admitted cautiously …”***
***“…On the other hand , it has been said that circumstantial evidence is very often the best evidence. It is evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is***

***capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics . It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial :*** *R. v. Taylor*, ***21 Cr. App. R . 20." ,***

**Mill-banda l-ohra jintqal ta spiss f' din l-Awla li "*circumstantial evidence does not lie but it may deceive*" u li biex din it-tip ta' prova tista' twassal ghall-inferenza ta' htija trid tkun univoka w mhux thalli miftuha aktar minn possibilita' wahda oltre dik ta' htija.**

**Pero'  fil-kaz in ezami , kif intqal , il-Prosekuzzjoni mhux qed tistrieh biss fuq il-prova indizjarja jew *"circumstantial evidence*" imma addirittura fuq l-ammissjoni tal-appellant innifsu li l-Ewwel Qorti ghazlet li tiddeciedi – kif kellha kull dritt li taghmel – li giet pruvata . Ghalhekk anki jekk biss ghal grazzja tal-argument , is-sejba tal-karta msemmija bl-ismijiet w ammonti ta' flus ma tistax titqies univoka bizzejjed biex fuqha biss tinstab htija , certament li zgur tikkorrobora l-allegata ammissjoni li addirittura ghamel l-appellant meta gie mistoqsi biex jispjega l-kontenut taghha.**

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti , l-Ewwel Qorti kellha ragunijiet bizzejjed biex legalment u ragonevolment setghet tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija tal-appellant mhux biss ta' pussess semplici izda ukoll ta' pussess taht cirkostanzi li juru li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghalhekk mhux il-kaz li tirrimpjazza d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti .**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**
**`**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------